# Termini ta' Referenza: il-ħames Sejħa għal Proposti

## Inizjattiva Azzjonijiet Innovattivi Urbani

## 16/09/2019 – 12/12/2019

**Werrej**


1 Introduzzjoni ... 3

2 L-awtoritajiet eliġibbli – Min jista' japplika ... 4

2.1 L-ewwel kategorija: ... 5

2.2 It-tieni kategorija ... 7

2.3 Rekwiżiti komuni għall-awtoritajiet urbani eliġibbli ... 9

3 Kopertura tematika għall-ħames Sejħa għal Proposti ... 10

3.1 IL-KWALITÀ TAL-ARJA ... 11

3.2 EKONOMIJA ĊIRKOLARI ... 14

3.3 KULTURA U WIRT KULTURALI ... 16

3.4 BIDLA DEMOGRAFIKA ... 19

4 Prinċipju ta' Finanzjament ... 22

5 Ġenerazzjoni u żvilupp tal-proġett ... 23

5.1 Sħubija għall-Azzjonijiet Innovattivi Urbani ... 23

5.2 Attivitajiet tal-Proġett ... 25

5.3 Linji baġitarji u spejjeż eliġibbli ... 26

5.4 Kunsiderazzjonijiet addizzjonali: akkwist pubbliku, awditjar u għajnuna mill-Istat ... 26

6 Proċess tal-applikazzjoni ... 27

7 Proċess tal-għażla ... 28

7.1 Kontroll tal-eliġibbiltà ... 29

7.2 Valutazzjoni strateġika ... 30

7.3 Valutazzjoni operattiva ... 31

7.4 Sistema ta' punteġġi għall-valutazzjoni ... 31

8 Kif tikseb l-għajnuna ... 32

9 Dati ewlenin ... 32

# 1 Introduzzjoni

Kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-FEŻR[1], il-FEŻR jista' jappoġġja azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli. F'dan il-qafas, il-Kummissjoni Ewropea nediet l-Inizjattiva Azzjonijiet Innovattivi Urbani (Urban Innovative Actions - UIA) sabiex tidentifika u tittestja soluzzjonijiet ġodda li jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp urban sostenibbli u li huma rilevanti fuq livell tal-Unjoni.

Għalhekk, l-għan ewlieni tal-Inizjattiva UIA huwa li tipprovdi lill-awtoritajiet urbani ta' madwar l-Ewropa bi spazju u riżorsi biex jittestjaw ideat ambizzjużi u mhux ippruvati li jindirizzaw sfidi interkonnessi u jesperimentaw fuq kif dawn iwieġbu għall-kumplessità tal-ħajja reali. Il-proġetti li se jiġu appoġġjati jridu jkunu innovattivi, ta' kwalità tajba, imfassla u implimentati bl-involviment tal-partijiet interessati ewlenin, orjentati lejn riżultati u trasferibbli.

L-awtoritajiet urbani għandhom jaħtfu l-opportunità offruta lilhom bl-Inizjattiva UIA biex jgħaddu minn "proġetti normali" (li jistgħu jiġu ffinanzjati minn sorsi "tradizzjonali" ta' finanzjament, inklużi l-Programmi Ewlenin tal-FEŻR) u jieħdu r-riskju li jiżviluppaw ideat ambizzjużi u kreattivi fi prototipi li jistgħu jiġu ttestjati f'ambjenti urbani reali. Fi kliem ieħor, l-UIA tista' tappoġġja proġetti pilota li huma riskjużi ħafna biex ikunu ffinanzjati minn sorsi tradizzjonali ta' finanzjament, dment li jkunu mill-aktar innovattivi u esperimentali.

L-Inizjattiva UIA għandha baġit totali tal-FEŻR ta' madwar EUR 372 miljun.

Il-proġetti tal-UIA jintgħażlu permezz ta' Sejħiet għal Proposti annwali mill-2015 sal-2020 fuq suġġett wieħed jew aktar proposti mill-Kummissjoni. Kull azzjoni tista' tirċievi sa massimu ta' EUR 5 Miljun f'kofinanzjament mill-FEŻR. L-implimentazzjoni tal-proġett għandha ssir f'perjodu massimu ta' 3 snin[2]. M'hemm l-ebda daqs ideali għall-baġits ta' proġetti tal-UIA. Il-proġetti ż-żgħar (jiġifieri, dawk li għalihom jintalbu inqas minn EUR 1 miljun mill-FEŻR) tista' titnaqqsilhom il-probabbiltà li jintgħażlu għax jistgħu jsibuha diffiċli biex juru li l-azzjonijiet huma ta' livell suffiċjenti għall-produzzjoni ta' konklużjonijiet sinifikanti. Fl-istess waqt, il-proġetti li jinkludu spejjeż sinifikanti ta' investiment, b'mod

---

[1] Regolament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (UE) Nru 1301/2013: http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32013R1301.
[2] F'każijiet eċċezzjonali u ġustifikati sew, proġetti jistgħu jiġu estiżi b'massimu ta' sena (ara l-UIA Guidance għal aktar informazzjoni).

partikolari fi tmiem il-perjodu tal-implimentazzjoni, għandhom juru li l-ispejjeż jilħqu l-għan tagħhom u jkunu ġġustifikati kif jixraq.

L-Inizjattiva UIA hija strument tal-Unjoni Ewropea u hi mmaniġġjata mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana tal-Kummissjoni Ewropea (KE) taħt maniġment indirett. Għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva, il-Kummissjoni nnominat lir-Reġjun Hauts-de-France[3] bħala l-Entità Inkarigata (EI). Għall-immaniġġjar tal-Inizjattiva, ġie stabbilit Segretarjat Permanenti (SP)[4].

**B'dawn it-Termini ta' Referenza, l-Entità Inkarigata qed tistieden awtoritajiet eliġibbli biex jissottomettu proposti għal proġetti fil-qafas tal-ħames Sejħa għal Proposti. Għal din is-Sejħa għal Proposti ġie allokat baġit ta' EUR 50 miljun.**

Dan id-dokument jistabbilixxi r-rekwiżiti u l-proċess li jridu jiġu segwiti għal-ħames Sejħa għal Proposti. Dan għandu jinqara flimkien mal-UIA Guidance u l-gwida għall-Formola tal-Applikazzjoni, ippubblikati fis-sit elettroniku tal-UIA u aġġornati fil-qafas tal-ħames Sejħa għal Proposti.

## 2 L-awtoritajiet eliġibbli – Min jista' japplika

L-Artikolu 2 tal-UIA jistabbilixxi li l-awtoritajiet li ġejjin jistgħu japplikaw għall-appoġġ biex iwettqu proġetti tal-Azzjonijiet Innovattivi Urbani:

- L-ewwel kategorija: Kwalunkwe awtorità urbana ta' unità amministrattiva lokali ddefinita skont il-grad ta' urbanizzazzjoni bħala belt kbira, belt żgħira jew subborg, li tikkonsisti f'minn tal-inqas 50 000 abitant
- It-tieni kategorija: Kull assoċjazzjoni jew raggruppament ta' awtoritajiet urbani ta' unitajiet amministrattivi lokali ddefiniti skont il-grad ta' urbanizzazzjoni bħala belt kbira, belt żgħira jew subborg, b'popolazzjoni totali ta' mill-inqas 50 000 abitant; din tista' tinkludi assoċjazzjonijiet jew raggruppamenti traskonfinali, assoċjazzjonijiet jew raggruppamenti f'reġjuni u/jew Stati Membri differenti.

L-awtoritajiet urbani eliġibbli skont l-Artikolu 2 tal-Att ta' Delega biss jistgħu jissottomettu Formola tal-Applikazzjoni fil-qafas ta' Sejħa għal Proposti tal-UIA.

---

[3] Qabel kien ir-Reġjun Nord-Pas de Calais
[4] It-tagħrif u d-dettalji ta' kuntatt tas-Segretarjat Permanenti jinsabu hawn: http://www.uia-initiative.eu/en/about-us/meet-team.

Id-definizzjoni ta' Unitajiet Amministrattivi Lokali (LAUs) kif ukoll il-klassifikazzjoni skont il-grad[5] ta' urbanizzazzjoni u ċ-ċifri tan-numru ta' abitanti huma bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Eurostat fit-**Tabella ta' Korrispondenza tal-UIA "EU-28-LAU-2018-NUTS-2016-FR, PT_POP2017" (2018)**[6]. Għalkemm tabella ta' korrispondenza aktar riċenti ġiet rilaxxata mill-Eurostat, din ma tinkludix informazzjoni għall-Istati Membri kollha tal-UE; hija biss it-**Tabella ta' Korrispondenza tal-UIA "EU-28-LAU-2018-NUTS-2016-FR, PT_POP2017" (2018)** li tagħmel dan. Din hija r-raġuni għala din it-tabella se tintuża mis-SP tal-UIA bħala d-dokument ewlieni ta' referenza għall-Kontroll tal-Eliġibbiltà. L-applikanti mistiedna jirreferu għat-Tabella ta' Korrispondenza biex jivverifikaw l-eliġibbiltà tagħhom u jipprovdu informazzjoni fuq l-LAUs inklużi fil-konfini amministrattivi tagħha u ċ-ċifri marbuta man-numru ta' abitanti. Madankollu, f'każ li tabelli tal-Eurostat aktar riċenti jew ċifri ġodda minn istituti nazzjonali tal-istatistika juru bidla sinifikanti fis-sitwazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikant (eż. LAU li qabel kienet meqjusa bħala rurali issa hija kkunsidrata bħala urbana skont il-grad ta' urbanizzazzjoni), l-applikant huwa mistieden bis-sħiħ li jikkuntattja lis-SP qabel is-sottomissjoni biex jivverifika għal darb'oħra s-sitwazzjoni tal-eliġibbiltà tagħhom.

Informazzjoni oħra dettaljata dwar l-eliġibbiltà tal-awtoritajiet urbani hi pprovduta fit-taqsimiet li ġejjin.

### 2.1 L-ewwel kategorija:

- Muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet li l-konfini amministrattivi tagħhom jikkorrispondu għal LAU unika. F'dan il-każ, l-LAU għandha tkun ikklassifikata bħala belt kbira, belt żgħira u subborgi skont il-grad ta' urbanizzazzjoni (kodiċi 1 u/jew 2 fit-tabella ta' Korrispondenza – il-kolonna tal-Grad ta' Urbanizzazzjoni) u għandu jkollha mill-inqas 50 000 abitant.

- Muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet li l-konfini amministrattivi tagħhom jinkludu diversi LAUs. F'dan il-każ għall-muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet fil-Portugall, ir-Renju Unit, l-Irlanda, il-Greċja, Malta u l-Latvja, fejn id-definizzjoni tal-Eurostat għal LAU ma tikkorrispondix għal muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet imma għal unitajiet inframuniċipali (parroċċi) jew unitajiet statistiċi (żoni elettorali lokali

---

[5] Id-definizzjoni ta' Unitajiet Amministrattivi Lokali u l-grad ta' urbanizzazzjoni jinsabu hawn: http://ec.europa.eu/eurostat/web/nuts/local-administrative-units ; http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Glossary:Degree_of_urbanisation.

[6] It-Tabella ta' Korrispondenza tal-UIA "EU-28-LAU-2018-NUTS-2016-FR&PT_POP2017" (2018) tista' titniżżel mill-paġna tas-Sejħa rispettiva fuq is-sit elettroniku tal-UIA. Jekk jogħġbok innota li din it-tabella ġiet maħluqa speċifikament għal Sejħa 5, ibbażata fuq l-informazzjoni fit-tabella ta' Korrispondenza tal-Eurostat "LAU – NUTS 2016, EU-28 and EFTA / available Candidate Countries" (2018) u t-tabella ta' Korrispondenza tal-Eurostat "LAU – NUTS 2016, EU-28 and EFTA / available Candidate Countries" (2017). Minħabba dan, jekk jogħġbok innota li għal FR u PT hemm żewġ tabs fl-ispreadsheet, filwaqt li għall-kumplament tal-Istati Membri l-informazzjoni hija kkonsolidata f'tab waħda għal kull pajjiż.

ta' awtorità). F'dan il-każ, il-muniċipalità/kunsill ta' belt jista' jkun eliġibbli biss jekk ikollu total ta' 50 000 abitant u jekk il-maġġoranza (aktar minn 50 %) tal-abitanti toqgħod f'LAUs ikklassifikati bħala bliet kbar, bliet żgħar jew subborgi skont il-grad ta' urbanizzazzjoni (kodiċi 1 u/jew 2 fit-tabella ta' Korrispondenza – il-kolonna tal-Grad ta' Urbanizzazzjoni)

- Agglomerazzjonijiet organizzati li huma assoċjazzjoni/raggruppament ta' awtoritajiet urbani li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:
  - Ikunu rikonoxxuti uffiċjalment bħala grad ta' gvern lokali (differenti mil-livell reġjonali u provinċjali) mil-liġi nazzjonali bl-obbligu għall-muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet li jissieħbu fl-organizzazzjoni supramuniċipali (għalhekk f'din il-kategorija mhumiex inklużi assoċjazzjonijiet li huma komposti fuq bażi volontarja, għal skop speċifiku u/jew b'durata limitata)
  - Ikunu magħmulin biss minn muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet (għalhekk f'din il-kategorija mhumiex inklużi assoċjazzjonijiet li jinvolvu istituzzjonijiet oħra, bħal universitajiet, kmamar tal-kummerċ, eċċ.)
  - Ikollhom kompetenzi speċifiċi, iffissati mil-liġi nazzjonali, iddelegati mill-muniċipalitajiet involuti fl-oqsma ta' politika rilevanti għall-proġett tal-UIA. L-assoċjazzjonijiet mistiedna jipprovdu referenza preċiża għall-qafas legali nazzjonali. Agglomerazzjoni organizzata għandu jkollha kompetenzi esklussivi għat-tfassil u l-implimentazzjoni fl-oqsma ta' politika rilevanti għall-proġett tal-UIA
  - Ikollha struttura politika (b'rappreżentazzjoni indiretta tal-muniċipalitajiet involuti) u amministrattiva (persunal iddedikat) speċifika.

Eżempji ta' agglomerazzjonijiet organizzati fil-qafas tal-Inizjattiva UIA:

- Franza: Métropoles, Communautés Urbaines, Communautés d'Agglomération and Communautés de Communes, Etablissements Publics Territoriaux
- L-Italja: Città Metropolitane u Unione di Comuni
- Il-Ġermanja: Landkreis
- Spanja: Mancomunidades u Area Metropolitana Barcelona
- Ir-Renju Unit: Combined Authorities
- Il-Portugall: Comunidades Intermunicipais (CIMs)

Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) għandu sħubiji komposti biss minn awtoritajiet urbani (kif definiti hawn fuq) u b'kompetenzi speċifiċi għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta'

politika rilevanti għas-Sejħa UIA, u dawn huma meqjusa bħala agglomerazzjonijiet organizzati u għaldaqstant jistgħu japplikaw fil-qafas tas-Sejħa għal Proposti tal-UIA bħala Awtoritajiet Urbani Ewlenin jew Assoċjati. Ir-REKT li għandhom sħubiji li jinkludu organizzazzjonijiet oħra (pereżempju, Stati Membri, awtoritajiet reġjonali, assoċjazzjonijiet, universitajiet, eċċ.) mhumiex meqjusa bħala agglomerazzjonijiet organizzati u ma jistgħux japplikaw bħala Awtoritajiet Urbani Ewlenin jew Assoċjati iżda jistgħu jingħaqdu bħala Msieħba li jwasslu għat-Twettiq fi proposta sottomessa minn awtorità urbana eliġibbli.[7]

Fil-qafas tal-Inizjattiva UIA, l-agglomerazzjonijiet organizzati huma meqjusa bħala awtorità urbana unika li jirrappreżentaw il-muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet kollha involuti. Għal din ir-raġuni, fi proposta għal proġett sottomessa minn agglomerazzjoni organizzata, din għandha tkun indikata bħala Awtorità Urbana Ewlenija.

Biex tiġi vverifikata l-eliġibbiltà tal-agglomerazzjonijiet organizzati, is-SP jara li n-numru totali ta' abitanti hu mill-inqas 50 000 u li l-maġġoranza (aktar minn 50 %) tal-abitanti toqgħod f'LAUs involuti fl-agglomerazzjoni li huma kklassifikati bħala bliet kbar, bliet żgħar jew subborgi skont il-grad ta' urbanizzazzjoni.

### 2.2 It-tieni kategorija

Kwalunkwe assoċjazzjoni ta' awtoritajiet urbani (assoċjazzjonijiet nazzjonali/reġjonali ta' awtoritajiet urbani, patti territorjali, distretti ta' żvilupp, eċċ.) kif ukoll awtorità urbana individwali mingħajr ftehim formalizzat ta' kooperazzjoni, imma li hi lesta tapplika b'mod konġunt fil-qafas tal-Inizjattiva UIA, ma tistax tapplika bħala awtorità urbana unika.

Dawn għandhom jidentifikaw Awtorità Urbana Ewlenija (AUE) fost il-muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet involuti u jelenkaw l-oħrajn bħala Awtoritajiet Urbani Assoċjati (AUA).

---

[7] Għal aktar dettalji dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Awtoritajiet Urbani Ewlenin u Assoċjati u l-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq, l-applikanti għandhom jirreferu għat-taqsima 5.1 ta' dawn it-Termini ta' Referenza kif ukoll għat-taqsima 2.1 tal-UIA Guidance.

Sabiex ikunu eliġibbli, l-awtoritajiet urbani kollha involuti (Ewlenin u Assoċjati) għandhom ikunu rikonoxxuti bħala LAUs u kklassifikati bħala bliet kbar, bliet żgħar jew subborgi skont il-grad ta' urbanizzazzjoni. Fil-każ ta' awtoritajiet urbani li l-konfini amministrattivi tagħhom jinkludu aktar minn LAU waħda, japplikaw l-istess regoli għad-definizzjoni tal-grad ta' urbanizzazzjoni deskritt hawn fuq f'din it-taqsima.

Ir-relazzjoni ta' bejn l-AUEs u l-AUAs m'hemmx għalfejn tkun formalizzata meta tiġi sottomessa l-Formola tal-Applikazzjoni. F'każ li l-proposta tkun approvata u megħjuna, is-SP tal-UIA jipprovdi lill-AUE b'mudell ta' Ftehim ta' Sħubija li jkun irid jiġi ffirmat mill-imsieħba kollha involuti (l-Awtoritajiet Urbani Ewlenin u Assoċjati u l-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq) fl-ewwel xhur tal-fażi tal-implimentazzjoni.

Esperjenzi preċedenti juru li proġetti uniċi mwassla minn assoċjazzjonijiet jew raggruppament ta' bliet mingħajr status ta' agglomerazzjoni organizzata, li jikkonsistu f'iżjed minn 3 awtoritajiet urbani (Awtoritajiet Urbani Ewlenin u Assoċjati) mingħajr kontigwità territorjali, jirriskjaw li jitilfu l-koerenza u jkollhom diffikultajiet biex jagħtu riżultati sinifikanti. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-assoċjazzjonijiet u/jew raggruppamenti ta' awtoritajiet urbani (mingħajr l-istatus ta' agglomerazzjonijiet organizzati) li jixtiequ japplikaw għandhom ikunu territorjalment kontigwi u jfittxu li jillimitaw in-numru ta' Awtoritajiet Urbani Assoċjati involuti.

**Nota bene:** Huwa biss fil-qafas tal-ħames Sejħa għal Proposti preżenti u biss għal proposti li

jindirizzaw is-suġġett "Bidla Demografika", li l-awtoritajiet urbani rikonoxxuti bħala **LAUs mill-EUROSTAT iżda kklassifikati bħala rurali skont il-grad ta' urbanizzazzjoni tagħhom jistgħu b'mod eċċezzjonali jkunu involuti bħala Awtoritajiet Urbani Assoċjati (AUAs) biss**. Din hija maħsuba biex trawwem rabtiet urbani-rurali, partikolarment rilevanti għal dan is-suġġett. Sabiex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Att Delegat, l-LAUs ikklassifikati bħala rurali skont il-grad ta' urbanizzazzjoni tagħhom ma jistgħux jiġu indikati bħala AUEs (u għalhekk ma jistgħux jissottomettu proposti ta' proġetti) u l-abitanti tagħhom ma jistgħux jiġu kkunsidrati biex jintlaħaq il-limitu minimu ta' 50 000 abitant Il-limitu minimu tal-abitanti għandu jiġi żgurat mill-AUE u

eventwalment l-AUAs l-oħra kklassifikati mill-Eurostat bħala bliet kbar, bliet żgħar u/jew subborgi skont il-grad ta' urbanizzazzjoni tagħhom.

## 2.3 Rekwiżiti komuni għall-awtoritajiet urbani eliġibbli

B'żieda mal-prinċipji t'hawn fuq għal kull kategorija speċifika tal-awtoritajiet urbani eliġibbli, għall-awtoritajiet urbani eliġibbli kollha, japplikaw il-prinċipji li ġejjin fil-qafas tal-Inizjattiva UIA:

- L-awtoritajiet urbani kollha għandhom ikunu fi Stat Membru tal-UE
- L-awtoritajiet urbani eliġibbli kif definiti hawn fuq biss jistgħu jissottomettu Formola tal-Applikazzjoni fil-qafas tas-Sejħa għal Proposti tal-UIA. Formola tal-Applikazzjoni sottomessa minn Imsieħeb li Jwassal għat-Twettiq tiġi ddikjarata ineliġibbli.
- L-awtoritajiet urbani (kif definiti hawn fuq) jistgħu jiġu elenkati fi proposta ta' proġett bħala Awtoritajiet Urbani Ewlenin u/jew Assoċjati biss. Il-kategorija ta' Msieħba li jwasslu għat-Twettiq hija riservata biss għal istituzzjonijiet u/jew organizzazzjonijiet li mhumiex rikonoxxuti bħala awtoritajiet urbani fil-qafas tal-Inizjattiva UIA
- Awtorità urbana jew agglomerazzjoni organizzata tista' tkun involuta biss fi proposta ta' proġett waħda biss fil-qafas ta' kull Sejħa għal Proposti (anke jekk dawn il-proposti ta' proġetti jiġu sottomessi taħt suġġetti differenti fl-istess Sejħa għal Proposti). Ir-regola tapplika wkoll għall-AUAs (muniċipalità tista' tkun involuta biss fi proposta waħda ta' proġett, kemm jekk hi AUE kif ukoll jekk AUA).
- L-awtoritajiet urbani li diġà huma megħjuna fi proġett approvat mill-Inizjattiva UIA fil-qafas ta' Sejħa għal Proposti preċedenti, ma jistgħux jissottomettu Formola ta' Applikazzjoni ġdida fuq l-istess suġġett matul il-perjodu kollu tal-Inizjattiva.

L-aġenziji u l-kumpaniji (pereżempju fil-qasam tal-enerġija/l-immaniġġjar tal-iskart, l-iżvilupp ekonomiku, il-promozzjoni turistika, eċċ.) bi sjieda sħiħa jew parzjali tal-muniċipalità/kunsill ta' belt, mhumiex meqjusin bħala LAUs, u għalhekk ma jistgħux jiġu rikonoxxuti bħala awtoritajiet urbani eliġibbli. Madankollu, dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jkunu involuti fis-sħubija bħala Msieħba li Jwasslu għat-Twettiq (aktar dettalji dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq jinsabu fit-taqsima 5.1 ta' dawn it-Termini ta' Referenza u fit-taqsima 2.1 tal-UIA Guidance).

Kif intqal fil-paragrafi ta' qabel, is-SP tal-UIA se juża, bħala l-għodda ewlenija għall-verifika tal-konformità mal-kriterji tal-eliġibbiltà, l-ispreadsheet tat-**Tabella ta' Korrispondenza "EU-28-LAU-2018-NUTS-2016-FR&PT_POP2017" (2018).** Għalhekk, l-applikanti huma mħeġġa jiċċekkjaw l-ispreadsheet u jagħmlu kwalunkwe awtovalutazzjoni tal-eliġibbiltà qabel jimlew il-Formola tal-Applikazzjoni.

F’każ ta’ lakuni, inkonsistenzi jew dubji dwar l-interpretazzjoni tad-dejta inkluża fit-tabella, l-applikanti huma mħeġġa jikkuntattjaw is-SP tal-UIA qabel jimlew u jibagħtu l-Formola tal-Applikazzjoni.

Waqt il-kontroll tal-eliġibbiltà, f’każijiet meta l-istatus tal-eliġibbiltà tal-applikant ikun inċert, is-SP tal-UIA jaħdem id f’id mal-imsieħba rilevanti, inkluż l-Eurostat, biex jiddetermina l-eliġibbiltà.

# 3 Kopertura tematika għall-ħames Sejħa għal Proposti

Il-Kummissjoni ddeċidiet li tallinja mill-qrib is-suġġetti li l-Awtoritajiet Urbani jistgħu jindirizzaw permezz tal-Inizjattiva UIA ma’ dawk definiti fil-qafas tal-Aġenda Urbana tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea tista’ tipproponi l-hekk imsejħa “suġġetti trasversali” li mhumiex parti mil-lista ta’ suġġetti tal-Aġenda Urbana iżda jirreferu għal sfidi urbani ewlenin (eż. bidla Demografika).B’mod speċjali, kull Sejħa għal Proposti għal UIA se tiffoka fuq numru limitat ta’ suġġetti.

Għal-ħames Sejħa għal Proposti, l-applikanti jistgħu jissottomettu proposti għal proġetti li jindirizzaw is-suġġetti li ġejjin:

- Il-kwalità tal-arja
- Ekonomija ċirkolari
- Kultura u wirt kulturali
- Bidla Demografika

L-awtoritajiet urbani li se japplikaw fil-qafas tas-Sejħa għal Proposti tal-UIA huma mitluba jagħżlu suġġett wieħed biss minn dawk proposti. Madankollu, peress li għandu jkun żviluppat approċċ integrat biex jittratta b’mod effettiv l-isfidi identifikati, fil-Formola tal-Applikazzjoni, l-applikanti għandhom il-possibbiltà jiddeskrivu l-ħoloq u l-esternalitajiet ma’ suġġetti u oqsma oħra ta’ politika.

Kif intqal, ix-xewqa tal-Kummissjoni hi li tara proġetti proposti li jġibu ’l quddiem soluzzjonijiet kreattivi, innovattivi u fit-tul li jindirizzaw id-diversi sfidi identifikati. Minħabba li l-UIA se sservi ukoll ta’ laboratorju għal ideat ġodda, il-Kummissjoni għandha l-għan li tħeġġeġ esperimentazzjoni ġdida li tibni fuq l-esperjenza f’varjetà ta’ dixxiplini. Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni evitat li tkun preskrittiva żżejjed fit-termini ta’ deskrizzjoni tat-tipi ta’ proġetti li tistenna li jiġu proposti.

B'rabta mal-appoġġ għall-Objettivi Tematiċi tal-FEŻR u l-Prijoritajiet ta' Investiment, il-ħtiġiet kollha tal-proġett jistgħu jitqiesu li jappoġġjaw l-objettivi tematiċi u l-prijoritajiet ta' investiment tal-FEŻR. Madankollu, il-proġetti tal-UIA, li jikkontribwixxu għall-Objettivi Tematiċi 8-10 (jiġifieri dawk li huma aktar orjentati lejn l-aspett soċjali) jistgħu jiġu appoġġjati, dment li:

- L-għarfien iġġenerat mill-proġett sħiħ ikun jista' jitqies li qed jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-objettivi tematiċi u l-prijoritajiet ta' investiment tal-FEŻR; u
- Il-proġett ma jkunx kollu kemm hu ffukat fuq attività li tipikament tiġi koperta mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE)

Jekk jogħġbok ftakar li matul l-għażla u l-implimentazzjoni tal-proposti għal proġetti, il-komplimentarjetà u s-sinerġiji ma' programmi u politiki oħrajn tal-Unjoni, kif ukoll il-proġetti megħjuna, huma ta' importanza kbira. Il-Kumitat tal-Għażla tal-Inizjattiva UIA ifittex li jevita kull duplikazzjoni meta jkun qed jiddeċiedi liema proġetti għandu jgħin.

It-taqsimiet li ġejjin joffru deskrizzjonijiet dettaljati għall-4 suġġetti tal-ħames Sejħa għal Proposti tal-UIA.

### 3.1 IL-KWALITÀ TAL-ARJA

**Definizzjoni ġenerali u kuntest tas-suġġetti**

Minkejja progress konsiderevoli fid-deċennji li għaddew, it-tniġġis tal-arja fl-ambjent baqa' l-kawża ambjentali prinċipali ta' mwiet bikrin fl-UE, u għadu jwassal għal madwar 390 000 mewta prematura kull sena fl-UE minħabba livelli elevati ta' partikuli fini, dijossidu tan-nitroġenu u l-ożonu. It-tniġġis tal-arja jkompli wkoll jagħmel ħsara fl-ekosistemi billi aktar minn nofs it-territorju tal-UE huwa espost għal depożitu żejjed ta' nitroġenu (ewtrofikazzjoni) u konċentrazzjonijiet tal-ożonu. Dan jaffettwa b'mod negattiv il-bijodiversità, inaqqas il-produzzjoni mill-uċuħ tar-raba' u jikkawża ħsara materjali oħra.

Politika ambjentali tal-UE tiffoka fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas ta' politika għal arja nadifa li jsaħħaħ il-politiki nazzjonali, reġjonali u lokali f'dawk l-aspetti tal-problema tal-kwalità tal-arja li l-Istati Membri ma jistgħux jimmaniġġjaw waħedhom b'mod effettiv jew effiċjenti. Politiki tal-UE jimmiraw ukoll li jimplimentaw l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni fil-qasam ta' tniġġis tal-arja biċ-ċittadini bħala atturi ewlenin, biex jiddisinnjaw u jimplimentaw flimkien u biex jintegraw rekwiżiti għall-ħarsien tal-ambjent ġewwa, pereżempju, l-industrija, l-kostruzzjoni, l-ippjanar u t-tfassil urban, l-enerġija, it-trasport, is-setturi tal-biedja u l-agrikoltura urbana. Il-figuri li juru l-importanza u l-isfondi tat-tniġġis tal-arja fl-ambjent jistgħu jinsabu hawnhekk.

**Ir-rilevanza għal u l-irwol tal-awtoritajiet urbani**

L-awtoritajiet urbani huma l-aħjar li jitqiegħdu f'pożizzjoni biex jimplimentaw miżuri lokali li huma ta' benefiċċju għas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadin u l-ambjent, minħabba li huma jafu s-sitwazzjoni lokali u jikkontrollaw firxa ta' strumenti bħall-ippjanar u l-iddisinjar urban, l-immaniġġjar tal-infrastruttura/it-traffiku, il-permessi tad-djar, l-immodernizzar tal-viċinat u l-użu mill-ġdid adattiv tal-bini, il-politika tal-ipparkjar eċċ., li jippermettilhom jidderiġu u jippromwovu soluzzjonijiet innovattivi. Ġeneralment jikkontrollaw il-baġits lokali u jimpjegaw il-persunal li jkollhom iwettqu kwalunkwe implimentazzjoni, inkluż pereżempju biex jieħdu jew jinfurzaw miżuri fil-każ ta' episodji ta smog jew iddisinjar jew implimentazzjoni ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja fuq terminu twil.

F'bosta Stati Membri l-awtoritajiet tal-belt huma responsabbli għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-pjanijiet uffiċjali dwar il-kwalità tal-arja taħt id-Direttiva 2008/50/KE jew għal pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja tal-bliet li huma marbuta mal-pjanijiet uffiċjali reġjonali dwar il-kwalità tal-arja taħt id-Direttiva 2008/50/KE. Anke fil-każ ta' pjanijiet uffiċjali reġjonali dwar il-kwalità tal-arja, il-bliet spiss għandhom rwol ewlieni billi għandhom tendenza li jkunu ċ-ċentru ekonomiku kbir tar-reġjun, b'konċentrazzjoni ta' popolazzjoni, traffiku u industrija. Il-fatt li għad hemm qabżiet fuq il-limiti ta' PM u NO2 f'bosta bliet f'diversi pajjiżi, minkejja l-pjanijiet ta' azzjoni għall-kwalità tal-arja, jindika li huma meħtieġa soluzzjonijiet innovattivi u titjib fl-approċċ: studju aħjar dwar fejn u meta l-problemi tat-tniġġis tal-arja jistgħu jseħħu u kif soluzzjonijiet innovattivi jistgħu jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet huma mħeġġa ħafna.

**Indikaturi għall-awtoritajiet urbani**

Għandu jiġi enfasizzat li l-għajxien f'saħħtu u l-kwalità tal-arja urbana jistgħu jitjiebu permezz tal-mitigazzjoni tas-sorsi ta' emissjonijiet rilevanti tal-inkwinanti tal-arja jew il-prekursuri tagħhom. Il-kwalità tal-arja urbana mhix influwenzata biss minn sorsi urbani (jiġifieri t-traffiku, it-tisħin domestiku, bini mhux iżolat sewwa, l-industrija) iżda wkoll minn sorsi li jinsabu barra l-belt. Din l-hekk imsejħa kwalità tal-arja fl-isfond hija komposta/influwenzata mill-emissjonijiet minn sorsi ta' emissjonijiet mhux urbani bħall-agrikoltura, it-tbaħħir (intern), sorsi naturali u emissjonijiet f'żoni (urbani) fil-bogħod. Deċiżjonijiet dwar liema sors urban jista' jiġi mmitigat l-aħjar (kosteffiċjenti) jeħtieġu dejta tajba dwar is-sorsi fl-isfond (li jiddeterminaw il-konċentrazzjoni fl-isfond u l-kontribut tal-belt stess għall-kwalità tal-arja). Barra minn dan, it-tniġġis tal-arja f'ambjent urban mhux omoġenu. Fi kwalunkwe ambjent urban ikun hemm hotspots, li jistgħu jkunu relatati ma' sorsi varji. L-immudellar b'riżoluzzjoni għolja jista' jgħin biex jiġu identifikati dawn il-hotspots u jippermettu miżuri ferm aktar preċiżi u aktar kosteffiċjenti li huma adatti l-aħjar għal dak l-ambjent mikro.

Meta jkunu qed jiġu identifikati soluzzjonijiet innovattivi, l-awtoritajiet urbani huma mistiedna jieħdu nota ta' u jibnu fuq it-tagħlimiet miksuba kif deskritt fir-rapporti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar l-implimentazzjoni tal-arja fi 12-il belt (Implimentazzjoni tal-Arja Pilota, Il-kwalità tal-arja urbana tal-Ewropa - valutazzjoni mill-ġdid tal-isfidi tal-implimentazzjoni fl-ibliet), minn proġetti mwettqa taħt il-programmi LIFE u Orizzont 2020 (Ara pereżempju l-sejħa għall-immaniġjar tal-iskart urban 2015 biex bliet jingħataw natura mill-ġdid; u l-aktar riċenti attivitajiet trasversali b'fokus fuq bliet intelliġenti u sostenibbli) u fejn xieraq, issir rabta ma' attivitajiet eżistenti, bħal skambji taħt il-Programm Peer-2-Peer TAIEX.

Mingħajr ma nkunu preskrittivi fuq it-tipi ta' proġetti mistennija, il-bliet mistednin jikkunsidraw il-punti u l-kwistjonijiet li ġejjin, b'mod partikolari:

- Ivvjaġġar nadif: soluzzjonijiet ta' mobbiltà innovattivi (eż. Regolamenti għal Aċċess ta' Vetturi Urbani (UVARs) bħal Żoni ta' Emissjonijiet baxxi u/jew Ħlasijiet għall-Konġestjoni) biex jitnaqqas l-impatt tat-traffiku ta' min jivvjaġġa għax-xogħol minn żoni suburbani u oħrajn madwar il-belt (ċentru) fuq il-kwalità tal-arja urbana. L-awtoritajiet tal-bliet jistgħu japplikaw riżultati minn proġetti u investimenti ta' mobbiltà speċifikament għall-isfida tat-tniġġis tal-arja minn traffiku ta' min jivvjaġġa għax-xogħol, bl-ittestjar u t-titjib ta' soluzzjonijiet innovattivi biex itejbu l-adottar, l-aċċettazzjoni pubblika u l-impatt fuq it-tniġġis tal-arja. Element prinċipali jkun il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet reġjonali u muniċipalitajiet fil-viċinat hekk kif l-ivvjaġġar għax-xogħol spiss jibda minn barra l-limiti tal-belt u hekk kif Pjanijiet tal-Kwalità tal-Arja taħt id-Direttiva 2008/50/KE spiss jiġu stabbiliti fuq livell reġjonali.
- Arja nadifa u l-klima: L-awtoritajiet tal-bliet l-aħjar li jitqiegħdu f'pożizzjoni biex jimmassimizzaw sinerġiji bejn miżuri ta' enerġija/klima u l-kwalità tal-arja lokalment. Huma jistgħu, pereżempju, jittestjaw metodoloġiji biex jintegraw il-kwalità tal-arja fl-istrateġiji tal-klima u l-enerġija tagħhom, bħall-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima (SECAPs) taħt il-Patt tas-Sindki, biex itejbu r-rabta ma' Pjanijiet tal-Kwalità tal-Arja, bħal dawk żviluppati taħt il-Direttivi tal-Kwalità tal-Arja Ambjentali. Jekk u fejn xieraq, ir-riżultati jistgħu jiġu maqsuma fit-netwerks tal-belt rilevanti.
- Arja nadifa għal kulħadd: iċ-ċittadini jistgħu jsiru aktar vulnerabbli għat-tniġġis tal-arja minħabba kundizzjonijiet tas-saħħa. Partijiet inqas sinjuri tal-ibliet, u b'hekk in-nies li joqgħodu fihom, jistgħu wkoll ikunu aktar affettwati mit-tniġġis tal-arja. L-awtoritajiet urbani jistgħu jittestjaw azzjonijiet innovattivi dwar kwistjonijiet bħall-ippjanar urban, il-mobilità, l-enerġija u l-informazzjoni, biex jimmirawhom biex inaqqsu espożizzjoni għat-tniġġis tal-arja

ta' tali gruppi vulnerabbli, pereżempju billi jiffokaw fuq żoni inqas sinjuri bi tniġġis għoli, u/jew fuq żoni b'faċilitajiet għall-kura tat-tfal u skejjel, sptarijiet u/jew djar għall-anzjani.

- Xjenza taċ-ċittadini għal arja nadif: użu ta' kejl tal-kwalità tal-arja indikattiva (eż. permezz tal-użu ta' sensuri bi prezz baxx affidabbli) biex jikkumplimentaw l-istazzjonijiet tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja uffiċjali. L-awtoritajiet urbani, fejn hemm bżonn flimkien mal-partijiet interessati rilevanti responsabbli għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja u s-saħħa pubblika, jistgħu jittestjaw u jorbtu x-xjenza taċ-ċittadini ma' għodod żviluppati għall-ipproċessar tad-dejta u prattiċi tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja stabbiliti kwalifikati u jibnu fuq esperjenzi ta' proġetti relatati (Proġett Preparatorju LIFE dwar is-sensuri; Proġett Pilota PE dwar is-sensuri).
- Komunikazzjoni ta' arja nadifa: awtoritajiet lokali, li spiss jibbenefikaw minn fiduċja politika għolja, huma f'pożizzjoni tajba biex iżidu l-aċċettazzjoni pubblika ta' miżuri ta' kwalità tal-arja nadifa, pereżempju li jiżguraw u juru impatti soċjali, tas-saħħa u tal-benesseri pożittivi. Il-proġetti għandhom jittestjaw approċċi innovattivi li jimmiraw b'mod adegwat segmenti prinċipali tal-popolazzjoni, bħal fl-iskejjel, is-settur tal-kostruzzjoni u l-komunità tas-saħħa, biex jissensitizzaw liċ-ċittadini ulterjorment u jistimulaw bidla fl-imġiba u kulturali.
- Governanza ta' arja nadifa: l-aħjar prattiċi ta' governanza fuq diversi livelli u f'diversi dipartimenti. Azzjoni effettiva fuq il-kwalità tal-arja tiddependi fuq il-livelli kollha ta' governanza, u fuq kull livell individwali fuq kooperazzjoni bejn dipartimenti li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-arja, (eż. ippjanar urban u kodiċi tal-bini, mobilità, manutenzjoni tat-toroq, ħdura urbana, eċċ.). Il-proġetti għandhom jiddisnjaw u jittestjaw approċċi innovattivi għal politiki ta' arja nadifa fuq firxa ta' livelli ta' governanza differenti, bħal lokali, reġjonali u nazzjonali, u fost dipartimenti differenti.

Billi din hija t-tieni darba li s-suġġett tal-Kwalità tal-Arja qed jiġi inkluż fis-Sejħa għall-Proposti tal-UIA, aħna nirrakkomandaw li l-applikanti jħarsu lejn dawk il-proġetti approvati fit-tielet Sejħa għall-Proposti.

## 3.2 EKONOMIJA ĊIRKOLARI

**Definizzjoni ġenerali u kuntest tas-suġġetti**

It-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari, fejn il-valur tal-prodotti, il-materjali u r-riżorsi tinżamm fl-ekonomija għal kemm jista' jkun possibbli, u l-ġenerazzjoni tal-iskart tiġi mminimizzata, hija prijorità għall-UE. L-ilma huwa wieħed minn dawk ir-riżorsi ewlenin fit-tranżizzjoni u l-immaniġjar tal-ilma urban ċirkolari huwa ta' fokus partikolari.

L-ilma mormi huwa l-ikbar kategorija ta' skart mhux sfruttat tal-ekonomija ċirkolari. L-użu mill-ġdid tal-ilma (pereżempju għal irrigazzjoni urbana) jista' jtejjeb is-separazzjoni tal-ilma minn kontaminanti kimiċi. L-ilma u s-sistemi ta' ilma mormi huma konsumaturi sinjifikanti tal-enerġija fl-Ewropa (skont il-proġett ENERWATER (H2020) it-22 000 impjant tat-trattament tal-ilma fl-Ewropa jużaw aktar minn 1 % tal-konsum tal-enerġija totali fl-UE). Il-Kummissjoni Ewropea fi Frar 2018 adottat proposta għal direttiva tal-ilma għax-xorb riveduta biex ittejjeb il-kwalità tal-ilma għax-xorb u tipprovdi aktar aċċess u informazzjoni għaċ-ċittadini. Din ser tgħin lill-pajjiżi tal-UE biex jimmaniġġjaw l-ilma għax-xorb b'mod effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli sabiex jitnaqqas l-użu tal-enerġija u t-telf tal-ilma mhux neċessarju. Din ser tgħin ukoll biex jitnaqqas in-numru ta' fliexken tal-plastik minħabba żieda fil-kunfidenza fl-ilma tal-vit, aċċess imtejjeb u promozzjoni tal-użu tal-ilma għax-xorb. Skont il-prinċipji tal-pilastru Ewropew il-ġdid għad-drittijiet soċjali, il-proposta fiha obbligazzjoni għall-pajjiżi tal-UE biex itejbu aċċess għal ilma tax-xorb sigur għal kulħadd u li jiżguraw aċċess għall-gruppi vulnerabbli u marġinalizzati.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni Ewropea nediet evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Ilma Urban Mormi bl-objettiv li jiġi identifikat x'ħadem u x'inhuma l-isfidi prinċipali li għad fadal fil-ġbir u t-trattament tal-ilmijiet urban mormijin.

Fost il-ħafna setturi li qed jaffaċċjaw sfidi speċifiċi fil-kuntest tal-ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda wkoll tieħu passi deċiżivi dwar ir-riċiklaġġ tal-plastik. F'Mejju 2018 ġew proposti regoli ġodda fl-UE kollha biex jimmiraw l-10 prodotti tal-plastik li jintużaw darba li l-aktar jinsabu fuq il-bajjiet u fl-ibħra tal-Ewropa, kif ukoll irkapti tas-sajd mitlufin u abbandunati, bħala parti mill-Istrateġija tal-Plastik Ewropea biex jiġi ttrattat skart tal-plastik moħli u dannuż. Il-miżuri proposti ser jikkontribwixxu għal tranżizzjoni tal-Ewropa lejn Ekonomija Ċirkolari, u biex jintlaħqu l-Għanjiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU u l-impenji tal-klima u l-objettivi tal-politika tal-industrija tal-UE.

**Ir-rilevanza għal u l-irwol tal-awtoritajiet urbani**

L-awtoritajiet urbani għandhom esperjenza b'saħħitha fil-provvista tal-immaniġġjar tal-iskart bħala servizz ta' interess ġenerali. Il-bliet ukoll jistgħu jservu ta' xprun għall-bidla għal aktar metodi sostenibbli ta' produzzjoni u konsum. Għandhom rwol ewlieni fil-ġlieda kontra ż-żibel u t-tnaqqis tal-ammonti ta' skart solidu mifrux fl-ambjent inkluż fl-ixmajjar u finalment fil-baħar. Obbligazzjonijiet ġodda għall-produtturi ta' oġġetti tal-plastik li jintużaw darba ser jidħlu fis-seħħ permezz tad-Direttiva futura dwar plastiks li jintużaw darba, inkluża l-obbligazzjoni għal azzjonijiet finanzjarji biex jitnaqqas iż-żibel. Il-bliet ser ikunu fl-ewwel post biex jimplimentaw dawn ir-rekwiżiti b'mod konkret.

Il-bliet ħafna drabi jkunu responsabbli għall-immaniġjar sostenibbli, effiċjenti u ekwu tal-ilma (inkl. provvista ta' ilma għax-xorb u t-trattament ta' ilma mormi). Immaniġjar tajjeb f'netwerks u

installazzjonijiet ikollhom impatti pożittivi fuq l-ispejjeż tal-manutenzjoni u l-investimenti fuq livell lokali. Barra minn hekk, l-awtoritajiet urbani huma viċin taċ-ċittadini fir-rigward ta' prezzijiet li jintlaħqu.

**Indikaturi għall-awtoritajiet urbani**

Mingħajr ma nkunu preskrittivi fuq it-tipi ta' proġetti mistennija, il-bliet mistednin jikkunsidraw il-punti u l-kwistjonijiet li ġejjin, b'mod partikolari:

Soluzzjonijiet innovattivi għat-tnaqqis ta' plastiks u sustanzi oħrajn li jniġġsu bħal farmaċewtiċi fi skart urban u xmajjar ta' ilma mormi, b'attenzjoni lejn:

- plastiks li jintużaw darba (li ħafna drabi jispiċċaw fl-oċeani kif speċifikat fid-Direttiva dwar plastiks li jintużaw darba);
- ġbir ta' skart tal-plastik, mikro plastiks u sustanzi oħrajn li jniġġsu minn ilma li jnixxi u ilma mfawwar minn maltempati;
- promozzjoni ta' ġbir u trattament separat ta' ilma mormi mniġġes minn farmaċewtiċi f'postijiet problematiċi tipiċi.

Soluzzjonijiet innovattivi għall-immaniġġjar tal-ilma urban aktar ċirkolari, jinkludu:

- li impjanti tal-ġbir tat-trattament tal-ilma mormi jsiru aktar newtrali għall-klima jew pożittivi għall-klima biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija / il-produzzjoni tal-enerġija;
- l-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tal-użu mill-ġdid ta' ilma mormi urban;
- effiċjenza aħjar tal-użu tal-ilma / tnaqqis tal-konsum tal-ilma, u titjib tal-aċċess għall-ilma u l-affordabilità għal gruppi vulnerabbli u marġinalizzati.

Billi din hija t-tieni darba li s-suġġett tal-Ekonomija Ċirkolari qed jiġi inkluż fis-Sejħa għall-Proposti tal-UIA, aħna nirrakkomandaw li l-applikanti jħarsu lejn dawk il-proġetti approvati fit-tieni Sejħa għall-Proposti.

## 3.3 KULTURA U WIRT KULTURALI

**Definizzjoni ġenerali u kuntest tas-suġġetti**

Kultura u wirt kulturali inklużi Industriji Kulturali u Kreattivi, huma assi vitali għall-kompetittività reġjonali u l-koeżjoni soċjali, waqt li jikkostitwixxu elementi prinċipali tal-identità ta' bliet u reġjuni. Barra minn hekk, parteċipazzjoni kulturali għandha impatt sinjifikanti fuq il-kwalità tal-ħajja tar-residenti u tikkontribwixxi għall-benesseri tagħhom u s-sens ta' appartenenza tagħhom.

Minkejja l-fatt li l-kultura u l-wirt kulturali huma meqjusa bħala element importanti fl-istrateġiji għall-iżvilupp urban u reġjonali, il-potenzjal tagħhom mhux dejjem jiġi sfruttat bis-sħiħ. Waħda mir-raġunijiet hija minħabba l-persistenza ta' approċċ tradizzjonali fejn investimenti f'dawk is-setturi jiffoka esklussivament fuq l-appoġġ lil produzzjoni kulturali jew fuq l-interventi fiżiċi f'siti jew bini ta' patrimonju. Waqt li dawk l-investimenti huma kruċjali biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' valuri kulturali u/jew espressjonijiet artistiċi, u biex iwasslu l-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli lill-ġenerazzjonijiet futuri, huwa fundamentali li nippromwovu approċċi innovattivi, li jimmiraw is-sostenibilità tal-azzjonijiet u li jimmassimizzaw il-benefiċċji soċjali u ekonomiċi fuq it-territorji u l-komunitajiet.

Bħala prinċipji ġenerali, dawn l-investimenti huma bbażati fuq:

- approċċi integrati, billi jintuża aħjar il-potenzjal li għandhom il-kultura u l-wirt kulturali fil-ġenerazzjoni ta' benefiċċji fl-oqsma ta' politika differenti (jiġifieri, riċerka, trasport, turiżmu, impjieg, ambjent, intrapriża - Il-kultura u l-wirt kulturali jibbenefikaw minn firxa ta' politiki, programmi u fondi tal-UE, li jinkludu Ewropa Kreattiva, iżda wkoll Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Orizzont 2020, COSME, L-Ewropa għaċ-Ċittadini jew Strumenti għall-finanzjament tal-azzjoni esterna tal-UE.) u fil-kwalità ta' interventi urbani;
- approċċi mmirati lejn in-nies, interventi mfasslin apposta għall-bżonnijiet effettivi ta' nies u komunitajiet u li joffrulhom l-opportunità biex jibbenefikaw minn riżorsi kulturali u tal-wirt kulturali permezz ta' approċċi parteċipatorji fit-teħid ta' deċiżjonijiet, kokreazzjoni u koimplimentazzjoni;
- mudelli ta' governanza miftuħa, li jinvolvu spettru wiesa' ta' atturi fis-setturi pubbliċi, mhux għall-profitt u privati (b'mod partikolari SMEs) li jippermettulhom jiġġeneraw forom innovattivi għall-finanzjament tal-kultura u l-wirt kulturali, benefiċċji ekonomiċi u soċjali diretti jew indiretti.

**Ir-rilevanza għal u l-irwol tal-awtoritajiet urbani**

Il-bliet huma laboratorji ta' innovazzjoni bbażati fuq il-kultura. Dawn jista' jkollhom rwol ewlieni, billi jimmiraw l-istrateġiji tagħhom sabiex jippermettu liċ-ċittadini u lill-komunitajiet jibbenefikaw minn riżorsi kulturali u tal-wirt għall-futur tagħhom, u jaġixxu bħala katalizzaturi għall-ispettru wiesa' ta' partijiet interessati u awtoritajiet ikkonċernati permezz ta' investimenti integrati. Sforzi integrati u bbażati fuq il-post adattati għall-kundizzjonijiet lokali aktar għandhom ċans li jkunu ta' suċċess biex jiġġeneraw ir-riżultati. Pereżempju, ġie muri li approċċ strateġiku, fuq terminu fit-tul u parteċipatorju għall-kultura kif meħtieġ mit-tabella ta' Kapitali tal-Kultura Ewropea, jista' jwassal għal benefiċċji sostenibbli lill-bliet u r-reġjuni..

Approċċ integrat bħal dan irid jirrifletti fuq kollox il-bżonnijiet tar-residenti lokali, sabiex jiffaċilita l-aċċess għal u l-parteċipazzjoni fil-kultura tagħhom. Il-kunċett ta' "aċċess" jiffoka fuq li jippermettilhom jużaw l-offerta kulturali disponibbli, anke permezz ta' "opportunitajiet ġodda" għal udjenzi mhux tradizzjonali sabiex ikunu jistgħu jgawdu minn offerta kulturali jew siti ta' wirt li qabel kien diffiċli li jiġu aċċessati minħabba sett ta' ostakoli. Il-kunċett ta' "parteċipazzjoni" (fit-teħid ta' deċiżjonijiet, fil-proċessi kreattivi, eċċ.) jirrikonoxxi lir-residenti bħala interlokutur attiv, li għandu jiġi kkonsultat - jew almenu involut - fl-ippjanar u l-ħolqien ta' offerta kulturali.

Sabiex jiġu prodotti benefiċċji fuq is-soċjetà, l-azzjonijiet u l-proġetti għandhom ikunu kemm jista' jkun miftuħin u inklussivi, sabiex jippermettu liċ-ċittadini u l-komunitajiet kollha jinteraġixxu ma' u jibbenefikaw minn dawn ir-riżorsi. Sfortunatament, data disponibbli fuq il-parteċipazzjoni kulturali fl-UE turi li minħabba numru ta' ostakli, diversi Ewropej la jieħdu sehem f'attivitajiet kulturali u lanqas iżuru siti kulturali.
L-Aġenda Ġdida Ewropeja għall-Kultura, proposta mill-Kummissjoni Ewropea f'Mejju 2018, tirrikonoxxi li hemm ambitu ċar għal żieda fil-parteċipazzjoni kulturali tal-Ewropej. L-aċċessibbilità kulturali ġiet ukoll inkluża fl-objettivi speċifiċi tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018. Barra minn hekk, il-wirt politiku tas-Sena, il-Qafas Ewropew għal Azzjoni fuq il-Wirt Kulturali, jiddikjara li l-istimulazzjoni tal-parteċipazzjoni f'wirt kulturali tibqa' sfida u jipproponi numru ta' azzjonijiet li huma speċifikament immirati, jew jibqgħu rilevanti, għall-bliet fl-UE.

**Indikaturi għall-awtoritajiet urbani**

Fi ħdan il-kuntest ta' Azzjonijiet Innovattivi Urbani u waqt li tqis l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea f'dan ir-rigward, awtoritajiet urbani huma mistiedna jittestjaw soluzzjonijiet ibbażati fuq il-komunità innovattivi fl-aċċessibbiltà għal u parteċipazzjoni fil-kultura u l-wirt kulturali, li jista' jkollhom impatt pożittiv fuq it-tkabbir u l-impjiegi, il-koeżjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali.

Mingħajr ma nkunu preskrittivi dwar it-tipi ta' proġetti mistennija, il-bliet mistednin jikkunsidraw il-punti u l-kwistjonijiet li ġejjin, b'mod partikolari:

- Il-promozzjoni ta' inklużjoni u koeżjoni soċjali permezz ta' aċċess imtejjeb u parteċipazzjoni f'kultura u servizzi rekreazzjonali, b'mod partikolari, għal "tielet postijiet" kulturali (b'mod ġenerali mifhumin bħala postijiet fiżiċi fejn in-nies jistgħu jagħmlu kuntatt ma' xulxin, li jinfirxu minn ċentri kulturali jew mużewijiet għal ċentri rekreazzjonali, ġonna urbani jew libreriji pubbliċi).
- L-identifikar u t-tqegħid fil-post ta' governanza parteċipatorja innovattiva u mudelli ta' tmexxija għal wirt kulturali u assi kulturali pereżempju, iżda mhux esklussivament, permezz ta'

tiftix għal sinerġiji bejn politiċi urbani u umanitajiet diġitali li jistgħu jikkontribwixxu għal proċessi urbani parteċipatorji ċċentrati fuq il-kultura (eż. ara il-proġett Ewropew CrossCult)

- It-titjib tal-wirt naturali, speċjalment f'żoni periurbani u ċentri storiċi biex jinħolqu spazji pubbliċi ta' kwalità biex itejbu s-sens ta' appartenenza u r-reżiljenza tal-ibliet;
- Il-promozzjoni ta' impjieg lokali permezz ta' mudelli tan-negozju sostenibbli tal-kulturali u tal-wirt kulturali bbażat fuq il-parteċipazzjoni ta' partijiet interessati u sħubiji pubbliċi-privati innovattivi.
- L-esplorazzjoni ta' mudelli innovattivi għaż-żieda tal-benesseri soċjali u fiżika permezz ta' aċċess imtejjeb u parteċipazzjoni fil-kultura u l-wirt kulturali;
- L-identifikar ta' strateġiji ġodda għal flussi ta' turiżmu aktar sostenibbli, li jisfruttaw il-potenzjal ta' siti ta' wirt minuri/periurbani/rurali;
- It-trawwim ta' djalogu interkulturali permezz ta' aċċess aħjar u parteċipazzjoni aktar wiesgħa fil-kultura.

## 3.4 BIDLA DEMOGRAFIKA

**Definizzjoni ġenerali u kuntest tas-suġġetti**

Fl-UE 43 % tal-popolazzjoni tgħix f'reġjun NUTS 3 li tilef il-popolazzjoni minħabba tnaqqis naturali bejn l-2005 u l-2015. Fejn, kważi terz tal-popolazzjoni tal-UE, 31 %, tgħix f'reġjun li tilef il-popolazzjoni minħabba migrazzjoni 'l barra netta, jiġifieri, aktar nies iħallu r-reġjun minn nies li qed jidħlu fir-reġjun, bejn l-2005 u l-2015. L-akbar tnaqqis seħħ f'reġjuni fejn kien hemm kemm tnaqqis naturali fil-popolazzjoni u migrazzjoni 'l barra netta (għal aktar dettalji ara s-seba' rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali). Għall-kuntrarju, reġjuni metropolitani kapitali esperjenzaw tkabbir fil-popolazzjoni. Fuq il-livell tal-bliet, ħafna bliet mhux kapitali, żgħar u medji fl-UE qed jiffaċċjaw tnaqqis fil-popolazzjoni fl-aħħar perijodi ta' għaxar snin, jiġifieri bliet qed jiċkienu. Il-grafika t'hawn taħt turi l-bidla fil-popolazzjoni fl-ibliet tal-UE, kif definit bl-EUROSTAT, fil-perijodu 2012-2017. Il-fenomenu qed jaffettwa lill-UE b'mod ġenerali, u b'mod partikolari l-pajjiżi fil-Lvant tal-Ewropa u fin-Nofsinhar tal-Ewropa.



Population change by city, 2012-2017

**Ir-rilevanza għal u l-irwol tal-awtoritajiet urbani**

It-tiċkin urban iwassal bidliet fundamentali fis-soċjetajiet urbani, proċessi ta' ppjanar u l-istrutturi ta' governanza. It-tnaqqis fil-popolazzjoni jagħmel impatt fl-oqsma kollha tal-ħajja urbana: in-negozju u l-impjieg, id-djar, l-infrastruttura soċjali (inklużi skejjel) u teknika, il-finanzi muniċipali, il-koeżjoni soċjali, is-segregazzjoni eċċ. It-tiċkin jirriżulta f'innuqqas ta' qbil bejn il-provvista ta' u d-domanda għal strutturi mibnijin, spazju urban u l-infrastruttura. Huwa ta' sfida li tmexxi jew tirregola t-tiċkin urban għax taħt il-kundizzjonijiet li jipproduċi, l-arranġamenti ta' governanza għandhom ir-riskju li jsiru mhux stabbli u frammentati.

Bliet qed jiċkienu huma partikolarment affettwati mill-impatt ta' popolazzjoni qed tixjieħ, eż. id-disponibilità tas-servizzi soċjali u tas-saħħa, u mill-evoluzzjoni tas-suq tax-xogħol, eż. forza tax-xogħol attiva qed tiċkien. Dawn iż-żewġ konsegwenzi t-tnejn għandhom impatt qawwi fuq l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli. Barra minn hekk, is-suburbanizzazzjoni u l-firxa urbana, fejn il-popolazzjoni tinxtered mill-qalba tal-belt għal postijiet aktar periferali ġewwa r-reġjuni tal-belt, huma fost il-kawżi tat-tnaqqis tal-popolazzjoni. Barra minn hekk, fluss ta' migrazzjoni 'l barra minn Stati Membri Ċentrali, tal-Lvant u tan-Nofsinhar ukoll jikkontribwixxu għat-tiċkin tal-bliet u d-depopolazzjoni.

Ir-rikonoxximent tat-tiċkin u l-adattament għal kundizzjonijiet ekonomiċi u demografiċi, jistgħu jkunu opportunità għal awtoritajiet urbani biex jimmodernizzaw il-governanza lokali u s-servizzi pubbliċi u biex jorganizzaw mill-ġdid politiki ta' bini pubbliku u użu tal-art.

**Indikaturi għall-awtoritajiet urbani**

Awtoritajiet urbani huma mistiedna jittestjaw soluzzjonijiet innovattivi biex jadattaw għal tnaqqis demografiku, biex ireġġgħu lura xejriet demografiċi u jattiraw attivitajiet ekonomiċi rilevanti u residenti għal żvilupp urban sostenibbli biex jikkontrobilanċaw l-effetti tat-tnaqqis demografiku. Mingħajr ma nkunu preskrittivi fuq it-tipi ta' proġetti mistennija, il-bliet mistednin jikkunsidraw il-punti u l-kwistjonijiet li ġejjin, b'mod partikolari:

- l-aċċess għal servizzi soċjali u tas-saħħa bbażati fuq il-komunità, l-għoti ta' inċentivi għall-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol permezz ta' soluzzjonijiet ta' kura għat-tfal/għall-anzjani, it-titjib fil-kwalità tal-ħajja inkluż permezz ta' metodi ta' parteċipazzjoni b'attenzjoni partikolari għal djaolgu dwar is-sessi u inter-ġenerazzjonali;
- l-aċċessibilità u s-sostenibilità ta' servizzi pubbliċi bażiċi;
- l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' infrastruttura u servizzi pubbliċi eżistenti;
- l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-użu tal-art u l-bini pubbliku;
- l-iżvilupp ta' soċjetà 5.0, eż. l-użu tar-robotika u l-intelliġenza artifiċjali;
- l-iżvilupp tal-"ekonomija tal-anzjani";
- it-tisħiħ tal-forza tax-xogħol attiva billi żżomm u tikkwalifika mill-ġdid dik lokali u tattira ħaddiema attivi;
- l-istimular tal-intraprenditorija lokali, speċjalment għall-popolazzjoni żagħżugħa;
- it-tisħiħ tal-kapaċità tal-istituzzjonjiet tas-suq tax-xogħol, tal-faċilitajiet tal-edukazzjoni vokazzjonali u tat-taħriġ u tat-tagħlim tul il-ħajja.

B'mod parallel ma' bliet kbar, tista' tingħata wkoll attenzjoni lil bliet żgħar u medju li qed jiċkienu. Jekk soluzzjonijiet innovattivi jeħtieġu sistema ta' konnessjoni urbana-rurali jew approċċ ta' żona

funzjonali, ser ikun possibbli taħt dan is-suġġett li jiġu inklużi unitajiet amministrattivi lokali definiti bħala rurali skont il-grad ta' urbanizzazzjoni tagħhom fi ħdan sħubija fi proġett. Madankollu, kif speċifikat f'taqsima 2.2 ta' dan id-dokument, "l-LAUs ikklassifikati bħala rurali skont il-grad ta' urbanizzazzjoni tagħhom ma jistgħux jiġu indikati bħala AUEs (u għalhekk ma jistgħux jissottomettu proposti ta' proġetti) u l-abitanti tagħhom ma jistgħux jiġu kkunsidrati biex jintlaħaq il-limitu minimu ta' 50 000 abitant. Il-limitu minimu tal-abitanti għandu jiġi żgurat mill-AUE u eventwalment l-AUAs l-oħra kklassifikati mill-Eurostat bħala bliet kbar, bliet żgħar u/jew subborgi skont il-grad ta' urbanizzazzjoni tagħhom."

Meta jkunu qed japplikaw għal dan is-suġġett, awtoritajiet urbani għandhom jipprovdu provi statistiċi ta' tnaqqis fil-popolazzjoni, li jistgħu jiġġustifikaw l-istatus ta' bliet qed jiċkienu. Għalhekk, jekk jogħġbok innota li t-tnaqqis ġenerali fil-popolazzjoni (kundizzjoni ta' tiċkin) hija kundizzjoni essenzjali meta tkun qed tapplika taħt dan is-suġġett għall-ħames Sejħa għall-proposti. Ladarba tiġi murija din il-kundizzjoni, il-bliet jistgħu jissottomettu proposti li jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi bħall-"ekonomija tal-anzjani", l-attrazzjoni ta' talenti żgħażagħ, eċċ. Fi kwalunkwe każ, l-evidenza ta' kundizzjoni ta' tiċkin mhux ser titqies bħala parti mill-kontroll ta' eliġibilità iżda waqt il-Valutazzjoni Strateġika meta tkun qed tiġi valutata r-rilevanza tal-isfida lokali li għandha tiġi indirizzata. Għalhekk, l-applikanti huma mitluba jipprovdu r-raġunament/ġustifikazzjoni tagħhom għal popolazzjoni qed tiċkien fit-taqsima **C.1.1 "Sfida(i) prinċipali li qed tiġi indirizzata/jiġu indirizzati"** fil-formola tal-Applikazzjoni.

# 4 Prinċipju ta' Finanzjament

**Il-prinċipju tal-ispejjeż totali**

L-Inizjattiva UIA ssegwi l-prinċipju tal-ispejjeż totali. Il-proġett jirċievi kofinanzjament mill-FEŻR sa 80 % tal-ispejjeż eliġibbli. Kull sieħeb li jirċievi mill-FEŻR jeħtieġ jiżgura kontribuzzjoni pubblika jew privata ta' mill-inqas 20 % biex il-baġit tiegħu jkun komplut, mir-riżorsi tiegħu jew minn sorsi oħrajn. Il-kontribuzzjoni tal-imsieħba tista' tkun fi flus kontanti u/jew in-natura. Tajjeb jingħad li xogħol volontarju mhux imħallas mhuwiex eliġibbli skont ir-regoli tal-eliġibbiltà tal-UIA, filwaqt li l-persunal imħallas għandu jitqies bħala kontribuzzjoni fi flus kontanti.

**Il-ħlasijiet tal-FEŻR**

L-iskema ta' ħlas tal-UIA hija bbażata l-aktar fuq il-prinċipju tal-ħlasijiet bil-quddiem tal-FEŻR[8] u bbażata wkoll fuq il-prinċipju tar-rifużjoni tal-ispejjeż li fil-fatt ikunu saru (inklużi rati fissi):[9]

- L-ewwel ħlas bil-quddiem tal-FEŻR, li jikkorrispondi għal 50 % mill-għotja tal-FEŻR, jingħata lill-Awtorità Urbana (Ewlenija) fi żmien 90 jum minn wara l-iffirmar tal-Kuntratt tas-Sussidju (u tal-Ftehim ta' Sħubija meta meħtieġ). Dan l-ewwel ħlas bil-quddiem ikopri wkoll is-somma f'daqqa għall-ispejjeż tat-tħejjija (massimu ta' EUR 16 000 FEŻR).
- It-tieni ħlas bil-quddiem tal-FEŻR, li jikkorrispondi għal 30 % mill-għotja tal-FEŻR, jingħata lill-Awtorità Urbana (Ewlenija) wara s-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' rapport interim dwar il-progress li jinkludi l-awditjar tan-nefqa tal-proġett mill-Kontrollur tal-Ewwel Livell. In-nefqa rrappurtata għandha tilħaq mill-inqas 70 % tal-ewwel pagament bħala prefinanzjament (li jikkorrispondi għal 35 % tal-baġit totali tal-proġett).
- It-tielet ħlas tal-FEŻR, li jikkorrispondi sa massimu ta' 20 % tal-għotja tal-FEŻR (mingħajr is-somma f'daqqa maħsuba għall-għeluq tal-proġett u t-trasferiment tal-għarfien) isir lill-Awtorità Urbana Ewlenija wara s-sottomissjoni u l-approvazzjoni tar-Rapport Finali dwar il-Progress. Dan ir-rapport, li jintbagħat mhux aktar tard minn 3 xhur wara d-data ta' tmiem il-proġett, jinkludi l-awditjar tan-nefqa finali tal-proġett mill-Kontrollur tal-Ewwel Livell. Importanti jingħad li t-tielet ħlas mhuwiex aktar ibbażat fuq il-prinċipju ta' ħlas bil-quddiem imma fuq il-prinċipju ta' rifużjoni tal-ispejjeż li jkunu saru u tħallsu. Għalhekk, l-imsieħba tal-proġett iridu jagħmlu l-prefinanzjament tal-ispiża tagħhom matul l-aħħar fażi tal-implimentazzjoni tal-proġett.
- Il-ħlas finali jsir lill-Awtorità Urbana Ewlenija wara l-approvazzjoni tar-Rapport Kwalitattiv Finali (sottomess mhux aktar tard minn sena wara d-data ta' tmiem il-proġett). Il-ħlas jammonta għal massimu ta' EUR 12 000 FEŻR u jkopri l-fażi tal-għeluq tal-proġett u tat-trasferiment tal-għarfien.

# 5 Ġenerazzjoni u żvilupp tal-proġett

## 5.1 Sħubija għall-Azzjonijiet Innovattivi Urbani

L-awtoritajiet urbani eliġibbli skont l-Artikolu 2 tal-Att ta' Delega tal-UIA biss jistgħu jissottomettu Formola tal-Applikazzjoni fil-qafas ta' Sejħa għal Proposti tal-UIA.

Madankollu, fil-qafas tal-Inizjattiva tal-UIA, l-Awtoritajiet Urbani huma mistennija jistabbilixxu sħubiji lokali b'saħħithom ma' taħlita tajba ta' msieħba kumplimentari. L-imsieħba kollha jridu jkunu mill-UE.

---

[8] Kif jingħad fil-Ftehim tad-Delegazzjoni ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u r-Reġjun Hauts-de-France (li kien ir-Reġjun Nord-Pas-de-Calais) fl-2015

[9] Idem.

Sħubija għal proġett tal-UIA tista' tkun magħmula minn AUE, AUA u msieħba li jwasslu għat-twettiq. Il-grupp usa' ta' partijiet interessati mhuwiex parti mis-sħubija tal-proġett imma għandu jkun involut ukoll fil-proġett.

- **Awtorità Urbana Ewlenija (AUE):** l-Inizjattiva UIA tiffunzjona fuq il-bażi ta' Awtorità Urbana responsabbli mill-implimentazzjoni sħiħa u l-immaniġġjar tal-proġett kollu. L-AUE tiffirma Kuntratt ta' Sussidju mal-Entità Inkarigata u tirċievi l-FEŻR biex ikun jista' jitqassam lill-imsieħba l-oħra (AUAs u/jew Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq) skont ir-rwoli speċifiċi u r-responsabbiltajiet tagħhom (u l-baġit relatat). Fil-każ ta' agglomerazzjonijiet organizzati, l-istituzzjoni, inklużi l-awtoritajiet urbani l-oħra kollha involuti fl-agglomerazzjoni, għandhom jitqiesu bħala Awtorità Urbana unika u jitniżżlu bħala Awtorità Urbana Ewlenija fil-qafas tal-proġett tal-UIA.

- **Awtoritajiet Urbani Assoċjati (AUAs):** Kwalunkwe assoċjazzjoni ta' awtoritajiet urbani (assoċjazzjonijiet nazzjonali/reġjonali ta' awtoritajiet urbani, patti jew assoċjazzjonijiet territorjali, distretti ta' żvilupp, eċċ.) mingħajr status ġuridiku ta' agglomerazzjoni organizzata kif ukoll awtoritajiet urbani individwali mingħajr ftehim ta' kooperazzjoni formalizzat, imma li lesti japplikaw b'mod konġunt fil-qafas tal-UIA, fil-Formola tal-Applikazzjoni għandhom iniżżlu LAU waħda bħala AUE u l-LAUs l-oħrajn bħala AUAs. L-AUAs ikunu responsabbli mit-twettiq ta' attivitajiet speċifiċi u mill-produzzjoni ta' riżultati/prodotti relatati. L-AUAs ikollhom sehem mill-baġit tal-proġett u jirrappurtaw l-ispejjeż li jagħmlu għat-twassil tal-attivitajiet. Informazzjoni dettaljata dwar l-AUAs (inklużi l-istatus ġuridiku, l-esperjenzi u l-kompetenzi, il-persuni ta' kuntatt, eċċ.) għandha tingħata fil-Formola tal-Applikazzjoni.

- **Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq (DPs):** istituzzjonijiet, aġenziji, organizzazzjonijiet, imsieħba mis-settur privat, assoċjazzjonijiet li jkollhom irwol attiv fl-implimentazzjoni tal-proġett. L-Awtoritajiet Urbani għandhom jagħżlu l-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq tagħhom skont il-prinċipji ta' trasparenza u trattament ugwali. Dawn ikunu responsabbli mit-twettiq ta' attivitajiet speċifiċi u mill-produzzjoni ta' riżultati/prodotti relatati. Ta' min jinnota li l-organizzazzjonijiet li għandhom personalità ġuridika biss huma intitolati jipparteċipaw fi proġett bħala Msieħba li Jwasslu għat-Twettiq. Ditti ta' konsulenza, li bħala objettiv primarju tagħhom għandhom l-iżvilupp u l-immaniġġjar ta' proġetti Ewropej mhumiex intitolati jipparteċipaw fi proġett bħala Msieħba li Jwasslu għat-Twettiq.

- **Grupp usa' ta' partijiet interessati** għandu jiġi involut ukoll fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett. Il-grupp jista' jinkludi istituzzjonijiet, aġenziji, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet. Dawn ma jkollhomx rwol dirett (u għalhekk m'għandhomx baġit iddedikat għall-implimentazzjoni) imma huma meqjusin rilevanti biex jiżguraw implimentazzjoni mingħajr skossi u effettiva, kif ukoll sjieda kondiviża tal-proġett.

Informazzjoni dettaljata fuq ir-rwoli u r-responsabilitajiet tal-Awtoritajiet Urbani (AUAs, jekk rilevanti) u l-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq hi mogħtija fit-Taqsima 2.1 tal-UIA Guidance.

## 5.2 Attivitajiet tal-Proġett

Attivitajiet fil-qafas tal-proġetti tal-UIA għandhom jiġu organizzati madwar Pakketti ta' Ħidma (WP) u għandhom jappoġġjaw Objettiv Tematiku wieħed jew iżjed tal-FEŻR u Prijorità(jiet) ta' Investiment relatati, kif stabbilit fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 CPR[10] għall-FSIE u fl-Artikolu 5 tal-FEŻR.

Għal dan il-għan, għandhom jintużaw tipi differenti ta' WPs, kif indikat hawn taħt:

- WP Preparazzjoni
- WP Immaniġġjar tal-proġett
- WP Komunikazzjoni
- WP Implimentazzjoni
- WP Investiment

Ħlief fil-każ tal-Pakkett ta' Ħidma tal-Investiment, it-tipi l-oħra kollha ta' WPs huma mandatorji fl-applikazzjonijiet tal-proġett tal-UIA.

Barra minn hekk, kull proġett se jkollu Espert tal-UIA biex:

- jagħti pariri u gwida kontinwa dwar is-sustanza tal-azzjoni, b'mod speċjali rigward il-kontenut innovattiv
- jgħin fl-iżvilupp ta' dokumentazzjoni u prodotti li se jqisu u jxerrdu t-tagħlimiet miksuba, il-prattika tajba, eċċ. lill-udjenza wiesgħa
- jiżgura li l-azzjoni tibqa' miexja u hija konformi mal-proposta miftiehma

[10] Ir-Regolament li Jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni (UE) Nru 1303/2013: http://eurlex.europa.eu/legalcontent/EN/TXT/?uri=celex:32013R1303.

Spejjeż għal esperti tal-UIA (inkluż għall-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni) ser jiġu koperti mill-Inizjattiva UIA u għalhekk mhux ser jiġu inklużi fil-baġits tal-proġett.

**Aktar informazzjoni dwar l-istruttura tal-pjan ta' ħidma għal kull proġett tal-UIA, kif ukoll dwar l-irwol u l-kompiti tal-Esperti tal-UIA, hi mogħtija fil-UIA Guidance.**

### 5.3 Linji baġitarji u spejjeż eliġibbli

L-infiq kollu relatat mal-implimentazzjoni tal-proġetti tal-UIA għandu jkun eliġibbli skont il-UIA Guidance (ara t-taqsima 4.2) u bbaġitjat fil-linji baġitarji xierqa:

- Persunal
- Uffiċċju u amministrazzjoni
- Ivvjaġġar u akkomodazzjoni
- Kompetenza u servizzi esterni
- Tagħmir
- Xogħlijiet ta' infrastruttura u kostruzzjoni

### 5.4 Kunsiderazzjonijiet addizzjonali: akkwist pubbliku, awditjar u għajnuna mill-Istat

L-imsieħba tal-proġett li jissodisfaw id-definizzjoni ta' awtorità kontraenti skont il-leġiżlazzjoni tal-akkwist nazzjonali rilevanti jridu jirrispettaw ir-regoli tal-akkwist pubbliku applikabbli.

L-infiq iddikjarat mill-proġett irid jiġi awditjat minn Kontrollur tal-Ewwel Livell (FLC). L-opinjoni ta' dan il-Kontrollur indipendenti trid tkopri l-legalità u r-regolarità tal-infiq iddikjarat, il-kunsinna tal-prodotti u s-servizzi, is-sodezza tal-infiq iddikjarat u l-konformità tal-infiq u l-operati mar-regoli Komunitarji u nazzjonali. Peress li l-Kontrollur jinħatar u jiġi mħallas direttament mill-Inizjattiva UIA, m'għandux ikun hemm tbassir tal-ispejjeż abbinati mal-kontroll (awditjar) mis-sħubija tal-proġett hi u tagħmel il-baġit tal-proġett.

Sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwi għal kull impriża attiva fis-suq intern, il-proġetti approvati għandhom jitfasslu f'konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat ħalli tkun żgurata l-effettività tan-nefqa pubblika u jiġi evitat kull tfixkil fis-suq, bħall-esklużjoni tal-finanzjament mill-privat, il-ħolqien ta' strutturi mhux effettivi tas-suq, jew il-preservazzjoni ta' ditti mhux effiċjenti. [11] Għandha tingħata

[11] Għal aktar għajnuna fuq il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, ara l-Avviż tal-Kummissjoni fuq il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) TFUE ('NOA'), ippubblikat fis-sit: http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016XC0719(05)&from=MT.

attenzjoni biex il-finanzjament ta' Azzjonijiet Innovattivi Urbani la jfixkel il-kompetizzjoni u lanqas iwassal għal interferenza fis-suq bla bżonn ġustifikat.

B'mod aktar speċifiku, il-UIA hija strument tal-UE mmaniġjata b'mod ċentrali, implimentata permezz ta' mmaniġjar indirett permezz ta' Entità Fdata, ir-Région Hauts-de-France. Il-Kummissjoni Ewropea tiffinanzja l-Azzjoni Innovattiva Urbana permezz tal-FEŻR (sa 80 % tal-ispejjeż tal-proġett) li mhix meqjusa bħala riżorsa taħt il-kontroll tal-Istati Membri u taqa' lil hinn mill-kuntest tal-liġi tal-għajnuna mill-Istat. Il-bqija tal-fondi (mill-inqas 20 % tan-nefqa tal-proġett) tista' tkun koperta minn kontribuzzjonijiet privati jew pubbliċi. Meta dawn il-kontribuzzjonijiet jiġu minn sorsi privati, ma jaqgħux fil-kuntest tal-liġi tal-għajnuna mill-Istat. Meta l-kontribuzzjonijiet joħorġu minn sorsi pubbliċi u sakemm l-attivitajiet tal-proġett mhumiex ekonomiċi, fondi għal dawn l-attivitajiet mhux ser jitqiesu bħala Għajnuna mill-istat. Madankollu, meta jkun hemm kontribuzzjonijiet minn sorsi pubbliċi ta' Stat Membru għal proġetti li jinvolvu "attivitajiet ekonomiċi", jiġifieri, li joffru oġġetti u servizzi fis-suq, imbagħad, dawn il-proġetti jkollhom jitfasslu b'tali mod li kull kontribuzzjoni pubblika tkun konformi mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat f'kull livell, li jfisser kemm fil-livell tas-sid, tal-kostruttur u/jew tal-operatur tal-proġett jew tal-faċilità. F'dawn il-każi, il-finanzjament pubbliku pprovdut għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament De Minimis, jew mal-kundizzjonijiet imfassla mir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) jew mid-Deċiżjoni għal Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SGEI).

Informazzjoni dettaljata fuq l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat hi mogħtija fil-UIA Guidance.

# 6 Proċess tal-applikazzjoni

Il-pakkett tal-applikazzjoni għall-ħames Sejħa għal Proposti tal-UIA jikkonsisti f'dan li ġej:

- Dawn it-Termini ta' Referenza disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE. Madankollu, f'każ ta' diskrepanzi, jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bl-Ingliż tipprevali.
- Gwida teknika għall-Electronic Exchange Platform (EEP)
- Struzzjonijiet dettaljati fuq kif timla l-Formola tal-Applikazzjoni disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE fis-sistema tal-EEP. Madankollu, f'każ ta' diskrepanzi, jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bl-Ingliż tipprevali.

Il-verżjoni ta' ħidma tal-Formola tal-Applikazzjoni u l-Paġna ta' Konferma huma pprovduti wkoll bħala għodod ta' għajnuna fil-proċess tal-abbozz tal-applikazzjoni (dokument Word, disponibbli biss bl-Ingliż).

**Barra minn hekk, il-UIA Guidance (disponibbli biss bl-Ingliż), trid tiġi kkonsultata b'mod estensiv għar-regoli ġenerali tal-Inizjattiva.**

Id-dokumentazzjoni kollha tista' tinstab fuq is-sit elettroniku tal-UIA, fejn paġna waħda tiġbor l-informazzjoni rilevanti kollha.

Il-proċess tal-applikazzjoni hu 100 % mingħajr karti permess tal-użu tal- Electronic Exchange Platform (EEP). **L-applikazzjoni tikkonsisti f'Formola tal-Applikazzjoni u f'Paġna ta' Konferma ffirmata u skennjata.** Jista' jittella' u jkun mehmuż ukoll anness mal-Formola tal-Applikazzjoni. Din tista' tkun mappa li tippreżenta l-qasam ta' intervent, tabella, infografika, eċċ. It-tip u d-daqs tal-fajl li jista' jiġi anness huma speċifikati fil-gwida tal-EEP.

Hu rrakkomandat li l-applikanti jimlew il-Formola tal-Applikazzjoni b'Ingliż ċar, għalkemm din tista' timtela b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE.

Ta' min jinnota li l-valutazzjonijiet Strateġiċi u Operattivi se jsiru fuq il-bażi tal-verżjoni Ingliża tal-Formola tal-Applikazzjoni (trid tiġi tradotta bl-Ingliż minn fornitur ta' servizz estern, ikkuntrattat mis-SP, f'każ li l-Formola tal-Applikazzjoni tiġi sottomessa b'lingwa oħra). Il-kwalità tat-traduzzjoni mhix se tkun iggarantita mis-SP u għalhekk dan il-proċess hu fir-riskju tal-applikanti. Barra dan, il-Kuntratt ta' Sussidju, l-immaniġġjar tal-proġett, ir-rappurtaġġ formali, ir-riżultati ewlenin u kull komunikazzjoni mal-Entità Inkarigata u s-SP tkun trid issir bl-Ingliż.

**Id-data tal-iskadenza finali għas-sottomissjoni tal-Formola tal-Applikazzjoni u l-Paġna ta' Konferma hi 12/12/2019 14h00 CET.**

# 7 Proċess tal-għażla

Wara s-sottomissjoni, kull applikazzjoni hija soġġetta għal proċess ta' għażla mqassam skont il-passi li ġejjin:

1. Kontroll tal-eliġibbiltà
2. Valutazzjoni strateġika
3. Valutazzjoni operattiva

### 7.1 Kontroll tal-eliġibbiltà

Mal-għeluq tas-Sejħa, is-SP iwettaq valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikazzjonijiet tal-proġetti kollha sottomessi. L-iskop ta' din il-valutazzjoni tal-eliġibbiltà hu li:

- Tkun ivverifikata l-konformità tal-Formoli tal-Applikazzjoni sottomessi u tal-annessi tagħhom mal-kriterji formali tal-eliġibbiltà
- Tkun evitata valutazzjoni oħra tal-applikazzjonijiet ineliġibbli
- Ikun żgurat it-trattament indaqs tal-proposti kollha li jkunu se jintgħażlu għall-finanzjament

Il-kriterji tal-eliġibbiltà tal-UIA huma dawn:

1. Il-Formola tal-Applikazzjoni ġiet sottomessa b'mod elettroniku permezz tal-EEP qabel id-data tal-iskadenza indikata fit-Termini ta' Referenza tas-Sejħa għal Proposti
2. Il-Formula tal-Applikazzjoni hija kompletament mimlija (inklużi l-WPs mandatorji)
3. L-applikant hu awtorità urbana unika ta' Unità Amministrattiva Lokali (LAU) definita skont il-grad ta' urbanizzazzjoni bħala belt kbira, belt żgħira jew subborg b'mill-inqas 50 000 abitant

   JEW

   L-applikant hu assoċjazzjoni jew raggruppament ta' awtoritajiet urbani bi status ġuridiku ta' agglomerazzjoni magħmula minn LAUs, bil-maġġoranza (aktar minn 50 %) tal-abitanti jgħixu fl-LAUs definiti skont il-grad ta' urbanizzazzjoni bħala bliet kbar, bliet żgħar jew subborgi, b'popolazzjoni totali ta' mill-inqas 50 000 abitant

   JEW

   L-applikant hu assoċjazzjoni jew raggruppament ta' awtoritajiet urbani mingħajr status ġuridiku ta' agglomerazzjonijiet organizzati, bl-awtoritajiet urbani kollha involuti (l-Awtorità Urbana Ewlenija u l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati) huma LAUs definiti skont il-grad ta' urbanizzazzjoni bħala bliet kbar, bliet żgħar jew subborgi, b'popolazzjoni kkombinata totali (l-Awtorità Urbana Ewlenija u l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati) ta' mill-inqas 50 000 abitant
4. Fil-każ ta' assoċjazzjoni jew raggruppament mingħajr status ġuridiku ta' agglomerazzjoni organizzata, fil-Formola tal-Applikazzjoni għandhom jiġu ppreżentati Awtorità Urbana Ewlenija u l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati
5. Għas-Sejħa tal-Proposti preżenti biss u għal proposti li jindirizzaw is-suġġett ta' "Tibdil Demografiku" biss, LAUs rurali, jekk hemm, ġew elenkati bħala Awtoritajiet Urbani Assoċjati. F'dan il-każ, il-limitu minimu ta' 50 000 abitant jintlaħaq mill-LAUs kollha

(Awtoritajiet Urbani Ewlenin u Assoċjati) klassifikati bħala bliet kbar, bliet żgħar u/jew subborgi

6. Il-perjodu tal-eliġibbiltà hu rispettat: id-data ta’ tmiem il-proġett tirrispetta r-rekwiżiti tas-Sejħa u tal-Inizjattiva
7. Ir-rekwiżiti massimi tal-baġit u l-prinċipju tal-kofinanzjament huma rispettati
8. L-imsieħba kollha involuti (l-Awtorità Urbana Ewlenija, l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati u l-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq) huma mill-Istati Membri tal-UE
9. L-awtoritajiet urbani li qed japplikaw (l-Awtoritajiet Urbani Ewlenin u/jew l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati) huma involuti fi proposta għal proġett wieħed biss fil-qafas tal-istess Sejħa għal Proposti.
10. L-awtoritajiet urbani li qed japplikaw (l-Awtoritajiet Urbani Ewlenin u/jew l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati) ma ntgħażlux u ma ġewx iffinanzjati fuq l-istess suġġett ta’ Sejħa għal Proposti tal-UIA ta’ qabel
11. Il-paġna ta’ konferma, iffirmata mir-rappreżentant legali tal-Awtorità Urbana (Ewlenija), ittellgħet fis-sistema tal-EEP.

Jekk ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti kollha stabbiliti hawn fuq, l-applikazzjoni ma titqiesx eliġibbli u ma tibqax tiġi kkunsidrata għall-valutazzjoni. L-applikanti jiġu avżati fi tmiem il-kontroll ta’ Eliġibilità bid-deċiżjoni li tkun ittieħdet fuq l-applikazzjoni tagħhom (għaddewx jew le).

### 7.2 <u>Valutazzjoni strateġika</u>

L-applikazzjonijiet li huma ddikjarati eliġibbli jkunu soġġetti għal valutazzjoni Strateġika mwettqa minn bord ta’ Esperti Esterni. Il-Valutazzjoni Strateġika tikkorrispondi għal 80 % tal-piż mogħti lill-valutazzjoni totali tal-proġetti u tikkonsisti fil-kriterji li ġejjin:

- Innovattività (40 % tal-piż) – Sa fejn jista’ juri l-applikant li l-proposta tal-proġett hija ġdida (li ma kenitx ittestjata u implimentata qabel fuq l-art taż-żona urbana kkonċernata u fi bnadi oħra fl-UE) u li għandha potenzjal ċar li żżid il-valur?
- Sħubija (15 % tal-piż) – Sa fejn huwa rilevanti l-involviment tal-partijiet interessati ewlenin (l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati jekk hemm, l-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq, u l-Grupp Usa’ ta’ Partijiet Interessati) għall-implimentazzjoni tal-proġett?
- Miżurabbiltà (15 % tal-piż) – Sa fejn jista’ jitqies li l-proġett se jagħti riżultati miżurabbli?
- Trasferibbiltà u żieda (10 % tal-piż) – Sa fejn se jkun trasferibbli dan il-proġett għal żoni urbani oħra madwar l-Ewropa? Sa fejn jipprovdi spjegazzjoni ċara il-proġett dwar kif l-azzjoni ser tiġi

miżjuda, jekk ikun ta' suċċess?

Il-mistoqsijiet indikattivi tal-valutazzjoni għal kull kriterju huma ppreżentati fit-taqsima 3.2.2 tal-UIA Guidance.

Il-bord tal-Esperti Esterni jivverifika wkoll li l-proġetti jikkontribwixxu għall-objettivi tematiċi għall-Fondi ESI u għall-Qafas Strateġiku Komuni, kif imfassal fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 CPR, u li jipproponu mistoqsijiet integrati għall-isfidi identifikati, kif ukoll li huma konformi mal-prinċipji ta' żvilupp urban sostenibbli. Il-KE u l-EI jistgħu jiddeċiedu li ma jagħżlux proġett minħabba n-nuqqas ta' kontribut jekk ma jintlaħqux dawn il-kriterji.

Bħala riżultat tal-Valutazzjoni Strateġika, il-bord tal-Esperti Esterni jelabora valutazzjoni tal-applikazzjonijiet u jikklassifikahom. Bi qbil mal-KE, l-applikazzjonijiet li jiksbu punteġġ ogħla minn ċertu limitu jgħaddu għal Valutazzjoni operattiva. L-applikanti jiġu avżati fi tmiem il-proċess tal-Valutazzjoni strateġika bid-deċiżjoni li tkun ittieħdet fuq l-applikazzjoni tagħhom (għaddewx jew le).

## 7.3 Valutazzjoni operattiva

Il-Valutazzjoni operattiva titwettaq mis-SP u tikkorrispondi għal 20 % tal-piż mogħti lill-valutazzjoni totali tal-proġett. L-objettiv ewlieni tal-Valutazzjoni operattiva hu li tivvaluta l-kwalità tal-proposta (inkluż il-ġustifikazzjoni għall-proġett, il-fattibilità, il-konsistenza u l-koerenza tal-pjan ta' ħidma, il-kwalità tal-istrutturi ta' mmaniġġjar proposti, il-koerenza u l-proporzjonalità tal-baġit, il-kwalità tal-attivitajiet tal-komunikazzjoni proposti).

Xi mistoqsijiet indikattivi tal-valutazzjoni għall-kriterju "Kwalità" huma ppreżentati fit-taqsima 3.2.3 tal-UIA Guidance.

Wara l-Valutazzjoni operattiva, Kumitat tal-Għażla magħmul mill-Entità Inkarigata u mill-Kummissjoni jiltaqa' biex jagħmel l-għażla finali. Il-KE tipprovdi l-ftehim finali dwar liema proġetti ntgħażlu. L-applikanti jiġu avżati fi tmiem dan il-proċess ta' Valutazzjoni operattiva bid-deċiżjoni.

## 7.4 Sistema ta' punteġġi għall-valutazzjoni

Punteġġ ta' 1 sa 5 jingħata lil kull kriterju ponderat li jirriżulta f'punteġġ medju għal kull proġett.

Informazzjoni dettaljata dwar is-sistema ta' punteġġi tal-valutazzjoni hija mogħtija fit-taqsima 3.2.4 tal-UIA Guidance.

Is-sistema ta' punteġġi tkun applikata mhux biss għall-mertu speċifiku ta' kull proġett propost, imma wkoll fl-ispirtu ta' proċess kompetittiv li jikkunsidra u jqabbel il-proposti tal-proġetti l-oħra sottomessi fil-qafas tal-istess Sejħa għal Proposti. Għal dan il-fatt, l-applikanti tal-proposti għal proġetti li ma jgħaddux għall-Valutazzjoni Operattiva jew li ma jkunux approvati fl-aħħar, ma jingħatawx il-punteġġi imma jingħataw biss kumment għall-kriterji kollha vvalutati.

# 8 Kif tikseb l-għajnuna

Il-persunal tas-SP se jkun lest biex jgħin lill-applikanti fi kwalunkwe mistoqsija teknika li jista' jkollhom matul is-Sejħa għal Proposti. Id-dettalji tal-kuntatt jinsabu fis-sit elettroniku tal-UIA. Barra minn hekk:

- Is-SP se jorganizza diversi Seminars għall-Applikanti fi bliet differenti madwar l-Ewropa. Id-dati u l-postijiet ta' dawn is-Seminars għall-Applikanti jinsabu fit-taqsima "Events" tas-sit tal-UIA. Waqt dawn is-seminars, il-parteċipanti ser ikollhom il-possibilità li jibbukkjaw laqgħat bilaterali mal-membri tal-SP u/jew rappreżentanti tal-KE biex jiddiskutu l-idea tal-proġett tagħhom.
- Webinars ġew ippubblikati fis-sit elettroniku tal-UIA dwar aspetti speċifiċi tal-iżvilupp u s-sottomissjoni tal-proġett.
- Sessjonijiet ta' mistoqsijiet u tweġibiet u konsultazzjonijiet bilaterali onlajn ser jiġu organizzati. Aktar informazzjoni ser tiġi pprovduta fis-sit elettroniku tal-UIA.

# 9 Dati ewlenin

- 16/09/2019 – Tnedija tal-ħames Sejħa għal Proposti
- 10/2019 – 12/2019 – Seminars u konsultazzjonijiet onlajn għall-applikanti
- 12/12/2019 – Data tal-iskadenza għas-sottomissjonijiet tal-Formoli tal-Applikazzjoni
- 06/2020 – Data indikattiva għad-deċiżjoni finali għall-approvazzjoni tal-proġetti
- 01/07/2020 - Data tal-bidu uffiċjali għall-proġetti approvati kollha

**Ninsabu ħerqanin biex naqraw il-proposti tal-proġetti tagħkom fil-futur qrib!**